## 7 ta' Mejju, 1955

### Imħallef:
### Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Pietru Azzopardi

**Reżistenza għall-Ordnijiet tal-Pulizija — Suspett — Art. 98 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Kuntistabbli li jkollu raġuni plawsibbli biex jissuspetta f'individwu hu ġustifikat jordna lil dak l-individwu li jmur miegħu l-Għassa tal-Pulizija. Jekk dak l-individwu ma jobdix dak l-ordni, u minflok jagħmel atti ta' reżistenza, anzi ta' attakk, hu jirrendi ruħu ħati ta' reżistenza bi vjolenza lill-persuna inkarikata minn servizz publiku waqt li kienet tagixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi.*

*Xejn ma jiswa li in segwitu dak l-individwu ma jinstabx ħati tal-fatt sospettat mill-kuntistabbli. Dan ma jbiddelx l-aspett ġuridiku; għax hemm differenza rilevanti bejn dak li jeħtieġ bħal suspett biex il-Pulizija tista' tieħu passi simili, u dak li jeħtieġ għal dikjarazzjoni ta' reità.*

Il-Qorti;— Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-5 ta' Marzu, 1955, li biha sabet lill-imputat ħati talli rreżista bi vjolenza lill-P.C. Guazzo, persuna nkarikata minn servizz publiku, waqt li kien jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi, u kkundannatu, reċidiv f'delitt, għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien sitt xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Tnejn huma d-doljanzi ta' l-appell: (1) illi l-imputat ma użax vjolenza fuq il-kuntistabbli Guazzo; (2) u li l-arrest ma kienx ġustifikat. Biex ikun hemm legalment konċepit dan it-tieni motiv, kien imissu żdied illi, ġa ladarba l-arrest ma kienx legali, b'daqshekk Guazzo svesta ruħu mill-kwalità tiegħu ufficjali, u kwindi, kuntrarjament għal dak li tir-

rikjedi l-liġi, ma kienx persuna nkarikata minn servizz pubbliku waqt li qegħedha taġixxi in eżekuzzjoni tal-liġi;

Fuq l-ewwel motiv;

Il-Kuntistabbli Guazzo fix-xhieda tiegħu jgħid........;

Antonio Galea, xhud estraneu, jgħid fix-xhieda tiegħu ..........;

Giuseppa Galea, fix-xiehda tagħha, tgħid;

Kontra dawn il-provi ma hemm assolutament xejn;

Issa, hu ta' evidenza palmari li dan l-għemil ta' l-imputat kien jammonta mhux biss għal reżistenza, iżda anki għal attakk, fis-sens li l-imputat mhux biss ha d-difensiva, imma anki l-offensiva. Kien hemm vjolenza u "vie di fatto", u mhux semplici minaċċi jew kliem oltraġġjus biss, jew reżistenza merament passiva (Annotz. Leggi Crim., Avv. Falzon, Malta 1872, osservaz. art. 89-92, pag. 171, para. 481);

Kwantu għat-tieni mottiv, dwar li l-ordni kien illeġittimu;

Jekk il-kuntistabbli Guazzo kellu raġunijiet plawsibbli biex jissuspetta lill-imputat, allura l-ordni tiegħu kien leġittimu. Issa, fil-każ in ispeċje, jirrizulta li Guazzo ra lill-imputat jitbaxx jiġbor biċċa ċima minn fost ċimi oħra ta' spettanza tan-Navy, u jitfagħha ġewwa "haversack" li kellu. Guazzo kien jaf lill-imputat, ċjoè kien jafu bħala ta' kondotta refrattarjament ħażina; kif turi l-fedina penali tiegħu fol. 4 et seq., u għalhekk, bejn bl-egħmil tiegħu fuq daqshekk, bejn bil-preċedenti tiegħu noti lil Guazzo, dan kien altru li ġustifikat jiehu l-pass li ħa, ċjoè li jintima lill-imputat li jmur miegħu l-Għassa. L-imputat ma ċaħadx meta avviċinat minn Guazzo, li hu kien ġabar dik iċ-ċima. L-ordni kien, għalhekk, leġittimu;

Ingħad mid-difiża li, fil-fatt, l-imputat ma giex misjub ħati fuq il-fatt sospettat minn Guazzo. Dan, però, kif sewwa rritjena l-Maġistrat, ma jbiddelx l-aspett ġuridiku, għax hemm differenza rilevanti bejn dak li jeħtieġ għal suspett biex il-Pulizija tista' tieħu pass simili, u dak li jeħtieġ għal dikjarazzjoni ta' reità;

Ingħad ukoll mid-difiża li l-imputat għandu jkun eżenti minn piena fit-termini ta' l-art. 98, għax hu ddeżista *malli*

wiessieh Guazzo. Dan ma rriżultax affattu, għax l-imputat baqa' jitħabat sakemm Guazzo rnexxielu jwaqqaf karrozza u jdaħħlu fiha. Infatti, dan il-kuntistabbli jgħid.........

Jista' jissemma, b'komment utili fuq dan il-każ, illi dan l-aħħar fl-Ingilterra kien hemm każ, "Hamshere vs. Bower and other", li fih l-attur fittex uffiċial tal-Pulizija Ngliża għad-danni talli l-ewwel wieħed waqqfu fit-triq fuq suspett li rriżulta infondat għal kollox. Mr. Justice Streatfield sab li dak l-uffiċjal kien "within his rights". Fir-rivista legali "The Magistrate" din il-kawża ġiet kommentata, u peress li, milli jidher, xi maġistrati Ingliżi jħossuhom "a disagio" fuq dawn il-kawżi ta' arrest minħabba suspett, din ir-rivista għamlet dan il-komment argut: "Magistrates who feel uneasy about them will remember that many of the cases in which they have had cause to commend police officers for prompt action have been cases of just this kind, where the noticing of something odd has led to further investigations" (ara "The Magistrate", March, 1955, paġ. 26);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.